


# It-Tmien forma tal-Verb Semitiku

www.maltikurja.com

# Innota d-differenza fit-tifsira tal-verb

1. Il-President **laqa'** lill-ambaxxaturi fil-palazz.
   Il-President **iltaqa'** mal-ambaxxaturi.

2. Il-missier **medd** lil ibnu fuq is-sodda.
   It-tifel **imtedd** fuq is-sodda għax ħassu ma jiflaħx.

3. Alice **mliet** il-barmil bl-ilma biex issaqqi l-pjanti.
   Alice ħalliet il-barmil **jimtela** biex issaqqi l-pjanti.

4. Kevin **nesa** li kellu jimxu mal-pjan tal-kowċ waqt il-logħba.
   Il-pjan tal-kowċ **intesa** waqt il-logħba.

It-Tmien Forma tinħadem billi żżid l-ittra "**t**" wara l-ewwel konsonanti tal-verb ewlieni. **1 : 8**

| | | |
|---|---|---|
| laqa' | = | l t a q a' |
| xamm | = | x t a m m |

Il-verbi li jieħdu din il-forma huma aktarx dawk li jibdew bil-likwidi : **l**, **m**, **n**, **r**.

*Il-konsonanti likwidi ħafna drabi jieħdu vokali ewfonika*

*Eż: nitilqu flok nitlqu; noqogħdu flok noqgħdu*

jew

‘**s**’ u ‘**x**’

Eż: **lt**ewa, **mt**edd, **nt**esa, **st**abat, **xt**eħet.

# Din il-Forma tieħu tifsira:

RIFLESSIVA: **Stabar** kemm felaħ.

PASSIVA: Ikel tajjeb u **rtema** mas-saqajn.

REĊIPROKA: Wara żmien twil fl-aħħar **iltaqgħu**.

Xi verbi ta' din il-Forma nsibuhom ukoll fis-VII (7) Forma bl-istess tifsira.

Eż : xeħet = **nxt**eħet (7) = x**t**eħet (8)

Il-verbi "xtaq", "xtara" u "stad" għalkemm f'nisilhom huma tat-VIII Forma, issa qegħdin jintużaw bit-tifsira tal-I Forma.

# Dawn il-verbi jeħtieġu l-vokali tal-leħen (*i*) :

- Quddiem l-Imperattiv.

Eż : mtedd = imtedd – imteddu

- Wara l-ittri servili tal-Imperfett

Eż : mtedd = nimtedd; timtedd; jimtedd; timtedd; nimteddu; timteddu; jimteddu.

# L-unika eċċezzjoni ...

Il-verb "żdied" huwa verb tat-VIII Forma.

Id-"d" ġiet minflok "t".